MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JOSETTE DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2014

Numru. 100/2012

**Il-Pulizija
(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**George Tabone ta' 54 sena, bin il-mejjet Dionisio u Rose nee' Bugeja, imwieled Rabat, Ghawdex, fl-24 ta' Marzu 1958, residenti 'Sta. Martha', Triq is-Sajjieda, Fontana, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 16058(G)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi George Tabone akkuzat talli nhar l-14 ta' Dicembru 2012, ghall-habta ta' 2.00p.m. waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Kinglong FPY001, fi Pjazza Anfori, Xlendi, limiti ta' Munxar, Ghawdex u/jew fl-inhawi:

1. B'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti nvolontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna Maria Duncan Geb Gerstlauer skond kif iccertifika Dr M. Masini M.D. reg. No. 1921 mill-Isptar Generali ta' Ghawdex.

2. Saq vettura b'numru ta' registrazzjoni FPY 001 tal-ghamla Kinglong, b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imputat jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda l-icenzja tas-sewqan ghall-perijodu li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Rat l-artikoli 226(1)(a), 226(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 533 u 534 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti tal-kaz huma s-segwenti: l-imputat George Tabone huwa xufier ta' *open top bus.* Mill-iskeda li giet ezebita bhala Dok GM jirrizulta li r-rotta li trid issir hija wahda pre-stabilita u l-hinijiet ukoll. Jirrizulta li huwa ilu jahdem ta' xufier ghal dawn l-ahhar tmienja u ghoxrin (28) sena. Fl-14 ta' Dicembru 2012 – id-data relevanti ghall-kaz – huwa kien xoghol u ghamel zewg vjaggi. Waqt li kien qieghed ix-Xlendi jistenna sabiex isir il-hin sabiex jitlaq biex ikompli bil-vjagg tieghu telghu xi turisti fosthom Maria Duncan Geb Gerstlauer li kienet ma' zewgha. Bhala fatt mhux kontestat li Maria Duncan Geb Gerstlauer waqghet u wegghet. Hija d-dinamika ta' kif dan l-incident sehh li hemm kontestazzjoni dwarha.

Maria Duncan Geb Gerstlauer xehdet li dakinhar ta’ l-incident hija kienet ma’ zewgha fix-Xlendi. Huma kienu ghadhom kemm biddlu il-bus tal-*hop on hop off* u rikbu gewwa open top bus ohra ghax hekk qalulhom biex jaghmlu. Hija xehdet li hekk kif telghet fuq il-karozza marret ghat-tarag u zewgha kien qabilha. Hija kienet qeghda zzomm mar-railings. Hija tixhed li x-xufier ossija l-imputat xeghel il-karozza u waqqafha f’salt u hija lwiet saqajha u ma setghetx izzomm u b’hekk waqghet u garrbet il-griehi.

Brian Duncan, zewgha, xehed li kif telghu fuq il-karozza baqghu telghin dritt ghal fuq. Huwa ppreceda lil martu. Xehed li f’daqqa wahda l-karozza inxtelghet u ccaqalqet f’daqqa u bbrejkjat f’daqqa u b’hekk martu li kienet tielgha t-tarag b’dan il-moviment brusk waqghet.

L-imputat ghazel li jixhed u beda billi jispjega li huwa bilfors ried jitlaq skont il-hin tal-iskeda w allura dak li xehdu l-konjugi Germanizi li huwa saq ghall-habta tas-2p.m. mhux korrett. Huwa xehed li meta ghabba n-nies, stenna xi zewg minuti u qabel ma telaq hares wahda lura. Wara li kien mexa 15 jew 20 metru sema’ tahbita u waqaf sobtu. Dak il-hin huwa haseb li xi hadd habit mieghu. Meta nizel mil-gabina ra mara warajh wiccha mal-art tax-xarabank. Huwa mar mill-ewwel biex ighinha. Sadanittant zewgha nizel minn fuq u mar hdejn martu u cemplu ghall-ambulanza. Huwa zied li fix-xarabank hemm tabelli li jindikaw b’diversi lingwi inkluz il-Germaniz biex bniedem ma joqghodx bil-wieqfa u jilbes ic-cinturin tas-sigurta’. Huwa xehed ukoll li l-vittma kienet isfel bilqeghda u kien hemm xi tlieta’ jew erba’ persuni ohra bilqeghda qabel ma telaq.

Mr Raymond Aquilina xehed li Maria Duncan Geb Gerstlauer ta’ 72 sena ddahhlet l-isptar fl-14 ta’ Dicembru 2012. Hija kienet waqghet minn gholi ta’ xi metru jew metru u nofs u sofriet numru ta’ ksur. Kellha ksur ta’ humerus, ksur tal-polz tan-naha tax-xellug li kellu bzonn manipulazzjoni, ksur fil-wicc u ksur tac-cheekbone tan-naha tal-lemin. Inghatalha t-trattament necessarju u harget mill-isptar fit-22 ta’ Dicembru 2012. Huwa xehed li

mhux komuni li persuna taqa’ minn dan l-gholi u ssofri dak il-ksur kollu li sofriet din il-mara. Ghalkemm ma kellux l-istorja medika ta’ din il-mara, Mr Raymond Aquilina spjega li 90% tan-nisa ta’ din l-eta’ ikollhom l-osteoporosi u mill-ksur li kellha huwa jara li huwa ksur li huwa komuni f’nisa u rgiel li jkollhom il-porozi.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Apap**[1] inghad li:

*“Fis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta’ Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157) inghad:*

*“**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta’ sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta’ sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta’ esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita’ ta’ sewqan ta’ dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta’ l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan ‘bi traskuragni kbira’. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta’ sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta’ traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m’ghandux jiehu minhabba l-probabbilita’ ta’ hsara li tista’ tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. **Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta’ perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta’ taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita’ ta’ l-incident u l-presenza o meno ta’ traffiku iehor jew ta’ nies ghaddejjin bir-rigel.*

*Naturalment, sewqan f’kaz partikolari jista’ jaqa’ taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta’ sewqan, f’liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta’ konkors ta’ reati. Ghall-finijiet ta’ piena l-legislatur*

[1] Appell Nru: 400/2010SC deciz fl-4 ta’ Frar, 2011

*pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain,*** *Appell Kriminali, 21/5/96)".*

Illi fl-ewwel lok mhux kontestat li Maria Duncan Geb Gerstlauer wegghet meta hija kienet riekba fuq ix-xarabank li kienet misjuqa mill-imputat. Madankollu dan il-fatt biss ma jfissirx awtomatikament li l-imputat huwa hati.

Il-qorti ghandha quddiemha zewg versjonijiet konfliggenti. Kif inhu maghruf f'kaz ta' kunflitt fil-provi mbaghad, jew cahda da parti ta' l-imputat tal-fatti li qed ikunu imputati lilu mhux necessarjament ghandu jigi liberat. Hawn ukoll pronunzjat ruhha diversi drabi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

*"Il-fatt li l-appellant cahad dawn l-incidenti w li ghalhekk hemm konflitt fil-provi ma jfissirx necessarjament li hu kellu jigi liberat ghax l-Ewwel Qorti kienet libera li temmen il-versjonijiet ta' … u tiskarta dik tieghu. Mhux kull konflitt fil-provi awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni ta' akkuzat. Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker" [19.5.1997]: "It is true that conflicting evidence 'per se' does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*[2].

F'dan il-kaz din il-qorti tqis li l-versjoni li ta l-imputat hija wahda kredibbli u veritiera cjoe' li Maria Duncan Geb Gerstlauer kienet originarjament bilqeghda isfel ghal ftit hin qabel ma' l-imputat xeghel ix-xarabank. Ma kien hemm ebda raguni ghalfejn l-imputat kellu jitlaq qabel il-

[2] **Pulizija vs Omissis**, Appell Numru 51/2003 deciz 04/09/2009 per Imhallef Dr J Galea Debono.

hin skedat anzi li kieku gara hekk kien ikun hemm l-ilmenti u ma jirrizultax li kien hemm xi ilmenti. Din Maria Duncan Geb Gerstlauer iddecidiet, ghar-ragunijiet maghrufa lilha, li titla’ fuq meta l-karozza kienet bdiet miexja u tilfet il-bilanc u b’konsegwenza ta’ hekk kienet li waqghet u wegghet. Infatti meta xehed zewgha ma kienx cert jekk poggewx bilqeghda qabel ma telghu fuq ghalkemm minghalih li baqghu telghin ghax is-soltu dejjem hekk jaghmlu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 226(1)(a), 226(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 533 u 534 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah mill-istess.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------